

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1869****tas-16 ta' Ottubru 2017****dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill tenna l-appoġġ sod tal-Unjoni għall-unità, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Iraq, u enfasizza l-importanza tas-sigurtà u l-istat tad-dritt għall-istabbiltà fl-Iraq. Il-Kunsill ħabbar li, b'reazzjoni għat-talba mill-awtoritajiet Iraqin, l-Unjoni kienet qed teżamina l-iskjerament ta' Skwadra tal-Unjoni ta' Konsulenza u Assistenza għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà biex tgħin fl-isforzi ta' riforma f'kooperazzjoni u f'koerenza ma' sħab internazzjonali oħrajn.
- (2) Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill approva Kunċett ta' Maniġġjar ta' Kriżi għal Missjoni tal-PSDK possibbli b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq.
- (3) Fl-24 ta' Awwissu 2017, fittra lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), il-Prim Ministru tal-Iraq laqa' l-Missjoni prevista.
- (4) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tad-Direttur tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija, jenħtieġ li titnieda l-Missjoni.
- (5) Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jenħtieġ li jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-Rappreżentant Għoli, kontroll politiku fuq il-Missjoni, jagħtiha direzzjoni strateġika u jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).
- (6) Jenħtieġ li tiġi attivata l-Kapaċità ta' Sorveljanza għal din il-Missjoni.
- (7) Din il-Missjoni ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsabu fl-Artikolu 21 TUE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Missjoni**

L-Unjoni b'dan tistabbilixxi u tniedi Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq).

*Artikolu 2***Oġġettivi**

L-oġġettivi strateġiċi tal-EUAM Iraq għandhom ikunu:

- (1) li tipprovdi pariri u għarfien espert lill-awtoritajiet Iraqin fil-livell strateġiku sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Nazzjonali tal-Iraq;

- (2) li tanalizza, tivvaluta u tidentifika opportunitajiet għall-involvement potenzjali ulterjuri tal-Unjoni b'appoġġ għall-ħtiġijiet tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq fit-tul;
- (3) li tassisti lid-Delegazzjoni tal-Unjoni fl-Iraq fil-koordinazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq.

### Artikolu 3

#### Kompiti

- (1) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi li jinsabu fil-punt (1) tal-Artikolu 2, l-EUAM Iraq għandha:
  - (a) tappoġġa l-Kumitat Nazzjonali Kontra t-Terroriżmu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra t-Terroriżmu u fl-identifikazzjoni tas-sottostrategiji u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha;
  - (b) tappoġġa lid-Direttorat tal-Ippjanar tal-Ministeru għall-Intern biex jippjana r-riformi istituzzjonali tad-dipartiment, inkluż is-servizzi tal-pulizija, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tas-Sigurtà;
  - (c) tikkontribwixxi għall-abbozzar ta' strateġija nazzjonali kontra l-kriminalità organizzata mmexxija mid-Dipartiment tal-Kriminalità Organizzata tal-Ministeru għall-Intern;
2. Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi li jinsabu fil-punt (2) tal-Artikolu 2, l-EUAM Iraq għandha:
  - (a) timmappa l-attivitajiet li għaddejnin b'appoġġ għas-settur tas-sigurtà ċivili, inkluż is-sigurtà tal-fruntiera, u tidentifika lezzjonijiet u lakuni;
  - (b) tidentifika, b'koordinazzjoni mad-donaturi internazzjonali, il-proġetti ewlenin għat-twettiq malajr fuq terminu qasir li fihom jistgħu jinvolvu ruħhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri;
  - (c) tidentifika ħtiġijiet u opportunitajiet fuq terminu medju sa twil għall-involvement possibbli futur fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà, bil-ħsieb li tagħti kontribut u tappoġġa l-ippjanar strateġiku u tal-politika tal-Unjoni għal tali involvement possibbli jekk ikun meħtieġ;
  - (d) tikkontribwixxi għall-immaniġġar u t-tmexxija tal-arkitettura tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà bħala parti mis-Segretarjat Konġunt.
3. L-EUAM Iraq għandha tassisti lid-Delegazzjoni tal-Unjoni fl-Iraq fil-koordinazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq.
4. L-EUAM Iraq għandha tiżgura li l-perspettivi tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sessi jkunu inkorporati fil-kompiti tagħha, u li l-politiki u l-pjanijiet żviluppati bl-appoġġ tagħha jkunu konformi mal-istandards u l-obbligi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-sessi.
5. L-EUAM Iraq għandha tiżgura li l-azzjonijiet li jiggjieldu l-kriminalità organizzata jinkludu l-għieda kontra l-migrazzjoni illegali, it-traffikar fl-armi u d-drogi, il-kriminalità ċibernetika u t-traffikar illeċitu u l-qerda ta' beni kulturali. Din tal-aħħar ser tkun koordinata mill-qrib mal-atturi kollha rilevanti fuq il-post, b'mod partikolari mal-UNESCO u l-Koalizzjoni Globali.
6. L-EUAM Iraq ma għandha twettaq l-ebda funzjoni eżekuttiva.

### Artikolu 4

#### Linja ta' kmand u struttura

1. L-EUAM Iraq għandu jkollha linja ta' kmand unifikata bħala operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi.
2. L-EUAM Iraq għandu jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Baghdad.
3. L-EUAM Iraq għandha tkun strutturata f'konformità mad-dokumenti ta' ppjanar tagħha.

*Artikolu 5***Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili**

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għall-EUAM Iraq. Is-CPCC għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għall-ippjanar u t-tmexxija ta' EUAM Iraq.
2. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jeżerċita kmand u kontroll tal-EUAM Iraq fil-livell strateġiku, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Komitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-awtorità ġenerali tar-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).
3. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-KPS fir-rigward tat-tmexxija tal-operazzjonijiet, inkluż bil-ħruġ ta' struzzjonijiet fil-livell strateġiku lill-Kap tal-Missjoni kif meħtieġ, u jipprovdilu l-pariri u l-appoġġ tekniku. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tar-RGħ.
4. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat li ssekondah skont ir-regoli nazzjonali, tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), rispettivament. Dawk l-awtoritajiet għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operazzjonali (OPCON) tal-persunal tagħhom lill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.
5. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jkollu responsabbiltà ġenerali sabiex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza tal-Unjoni jiġi attwat korrettament.
6. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fl-Iraq għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

*Artikolu 6***Kap tal-Missjoni**

1. Is-Sur Markus RITTER huwa b'dan maħtur bħala l-Kap tal-Missjoni.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jieħu r-responsabbiltà għall-EUAM Iraq u għandu jeżerċita kmand u kontroll tagħha, fil-livell operattiv. Il-Kap tal-Missjoni għandu jaqa' direttament taħt il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u jaġixxi f'konformità mal-istruzzjonijiet tiegħu.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun ir-rappreżentant tal-EUAM Iraq fil-qasam ta' responsabbiltà tagħha.
4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita r-responsabbiltà amministrattiva u loġistika għall-EUAM Iraq, inkluż responsabbiltà għall-assi, ir-riżorsi u t-tagħrif li tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-EUAM Iraq. Il-Kap tal-Missjoni jista' jiddelega kompiti ta' ġestjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' persunal u finanzjarji lil membri tal-persunal tal-EUAM Iraq, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tiegħu.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinari fuq il-persunal tal-EUAM Iraq. Għall-persunal issekondat, l-azzjoni dixxiplinari għandha tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat li ssekondah f'konformità mar-regoli nazzjonali, mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata, jew mis-SEAE rispettivament.
6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tal-EUAM Iraq.
7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina ma' atturi oħra tal-Unjoni fuq il-post, kif adatt. Mingħajr preġudizzju għall-linja tal-kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jirċievi gwida politika lokali mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fl-Iraq.

*Artikolu 7***Persunal**

1. L-EUAM Iraq għandu jikkonsisti primarjament minn persunal issekondat mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew is-SEAE. Kull Stat Membru, kull istituzzjoni tal-Unjoni u s-SEAE għandhom iġarrbu l-ispejjeż marbuta ma' kwalunkwe membru tal-persunal issekondat minnhom, inkluż l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post tal-istazzjonament, is-salarji, il-kopertura medika u l-gratifikasi minbarra l-gratifikasi għal kull jum applikabbli.
2. L-Istat Membru, l-istituzzjoni tal-Unjoni, jew is-SEAE rispettivament għandhom ikunu responsabbli biex iwieġbu għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mas-sekondar minn jew dwar il-membri tal-persunal li jkun ssekondaw, u biex iressqu kwalunkwe azzjoni kontra tali persuni.
3. Il-persunal internazzjonali u lokali jistgħu jiġu reklutati fuq bażi kuntrattwali mill-EUAM Iraq jekk il-funzjonijiet meħtieġa ma jkunux jistgħu jiġu provduti minn persunal issekondat mill-Istati Membri. Eċċezzjonalment, u f'każijiet debitament ġustifikati, fejn ma jkun hemm disponibbli l-ebda applikant kwalifikat mill-Istati Membri, jistgħu jiġu reklutati ċittadini minn Stati terzi parteċipanti fuq bażi kuntrattwali, kif adatt.
4. Il-kondizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti bejn l-EUAM Iraq u l-membri tal-persunal ikkonċernat.

*Artikolu 8***Status tal-EUAM Iraq u l-persunal tagħha**

L-istatus tal-EUAM Iraq u l-persunal tagħha, inkluż kif adatt il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħrajn meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla xkiel tal-EUAM Iraq, għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim konkluż skont l-Artikolu 37 TUE f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 9***Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUAM Iraq. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS jieħu d-deċizzjonijiet rilevanti għal dan il-għan f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 TUE. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħa għall-ħatra ta' Kap tal-Missjoni, fuq proposta mir-RGħ, u s-setgħa biex jiġi emendat il-Pjan Operazzjonali (OPLAN). Is-setgħat ta' deċizzjoni fir-rigward tal-oġġettivi u t-terminazzjoni tal-EUAM Iraq għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.
2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.
3. Il-KPS għandu jirċievi, fuq bażi regolari u kif meħtieġ, rapporti mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom.

*Artikolu 10***Parteċipazzjoni ta' Stati terzi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, Stati terzi jistgħu jiġu mistiedna sabiex jikkontribwixxu għall-EUAM Iraq, bil-kondizzjoni li dawn iġarrbu l-ispejjeż tal-persunal issekondat minnhom, inkluż is-salarji, l-assigurazzjoni li tkopri r-riskji kollha, il-gratifikasi għas-sussistenza għal kull jum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-Iraq, u bil-kondizzjoni li jikkontribwixxu għall-ispejjeż operazzjonali tal-EUAM Iraq, kif meħtieġ.

2. L-Istati terzi li jikkontribwixxu għall-EUAM Iraq għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi f'termini tal-ġestjoni ta' kuljum tal-EUAM Iraq bħall-Istati Membri.
3. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti u dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributori.
4. L-arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu koperti minn ftehimiet konklużi f'konformità mal-Artikolu 37 TUE. Fejn l-Unjoni u Stat terz jikkonkludu jew ikunu kkonkludew ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dak l-Istat terz f'operazzjonijiet tal-Unjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest tal-EUAM Iraq.

#### Artikolu 11

##### **Sigurtà**

1. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar mill-Kap tal-Missjoni tal-miżuri ta' sigurtà u jiżgura li l-EUAM Iraq jimplementa dawk il-miżuri b'mod korrett u effettiv f'konformità mal-Artikolu 5.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għas-sigurtà tal-EUAM Iraq u biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbli għall-EUAM Iraq, f'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-Unjoni f'kapaċità operazzjonali taħt it-Titolu V TUE, u mal-istrumenti ta' sostenn tagħha.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiġi assistit minn Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Missjoni, li għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib mas-SEAE.
4. Il-persunal tal-EUAM Iraq għandu jingħata taħriġ mandatorju ta' sigurtà qabel ma jibda dmirijietu, f'konformità mal-OPLAN. Huwa għandu jingħata wkoll taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post tal-operazzjonijiet, li jkun organizzat mill-Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Missjoni.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiżgura l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE <sup>(1)</sup>.

#### Artikolu 12

##### **Kapaċità ta' Sorveljanza**

Il-Kapaċità ta' Sorveljanza għandha tiġi attivata għall-EUAM Iraq.

#### Artikolu 13

##### **Arranġamenti legali**

L-EUAM Iraq għandu jkollha l-kapaċità li takkwista servizzi u provvisti, li tidħol f'kuntratti u arranġamenti amministrattivi, li timpjega persunal, li jkollha kontijiet bankarji, li takkwista u tiddisponi mill-assi u tħallas l-obbligazzjonijiet tagħha, u li tkun parti għal proċeduri legali, kif meħtieġ sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 14

##### **Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Iraq mis-16 ta' Ottubru 2017 sas-17 ta' Ottubru 2018 għandu jkun ta' EUR 14 000 000. L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kull perijodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

2. In-nefqa kollha għandha tiġi amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist mill-EUAM Iraq għandha tkun miftuħa mingħajr limitazzjonijiet. Barra minn hekk, ma għandha tapplika l-ebda regola ta' orijini għall-prodotti mixtrija mill-EUAM Iraq. Soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni, l-EUAM Iraq tista' tikkonkludi arranġamenti tekniċi ma' Stati Membri, l-Istat ospitanti, Stati terzi parteċipanti u ma' atturi internazzjonali oħra, fir-rigward tal-provvista ta' tagħmir, servizzi u siti lill-EUAM Iraq.
3. L-EUAM Iraq għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha. Għal dan il-għan, l-EUAM Iraq għandha tiffirma ftehim mal-Kummissjoni.
4. L-EUAM Iraq għandha tirrapporta b'mod sħiħ lill-Kummissjoni, u tkun issorveljata minnha fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-ftehim.
5. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw il-linja ta' kmand prevista fl-Artikoli 4, 5 and 6 u r-rekwiżiti operattivi tal-EUAM Iraq.
6. In-nefqa marbuta mal-EUAM Iraq għandha tkun eliġibbli mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 15

### Konsistenza tar-rispons u l-koordinazzjoni tal-Unjoni

1. Ir-RGħ għandu jiżgura l-konsistenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-intier tagħha, inkluż il-programmi ta' żvilupp tal-Unjoni.
2. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jaġixxi f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjoni tal-Unjoni fl-Iran sabiex jiżgura l-konsistenza tal-azzjoni tal-Unjoni fl-Iraq.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-Istati Membri preżenti fl-Iraq.

#### Artikolu 16

### Rilaxx ta' informazzjoni

1. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat li jrrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, kif adatt u f'konformità mal-ħtiġijiet tal-EUAM Iraq, l-informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" li tiġi ġġenerata għall-finijiet tal-EUAM Iraq, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE.
2. Fil-każ ta' htiġa operazzjonali speċifika u immedjata, ir-RGħ għandu jkun awtorizzat ukoll li jrrilaxxa lill-Istat ospitanti kwalunkwe informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" li tkun ġiet iġġenerata għall-finijiet tal-EUAM Iraq, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. Għal dan il-għan għandhom jitfasslu arranġamenti bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti.
3. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat li jrrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni kwalunkwe dokument mhux klassifikat tal-UE marbut mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-EUAM Iraq u li jkun kopert mill-obbligu ta' segretezza professjonali f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.
4. Ir-RGħ jista' jiddelega s-setgħat u l-abbiltà li jikkonkludi l-arranġamenti, imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, lil persuni li jinsabu taħt l-awtorità tiegħu, lill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili u lill-Kap tal-Missjoni, f'konformità mat-taqsimha VII tal-Anness VI għad-Deċiżjoni 2013/488/UE.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

*Artikolu 17***Dħul fis-seħħ u tul taż-żmien**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sas-17 ta' Ottubru 2018.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---